



Kodiċi ta' Kondotta għall-parteciċipanti fl- attivitajiet ta' taħriġ

Kodiċi ta' kondotta għall-parteċipanti fl- attivitajiet ta' taħriġ

2022



Il-manuskritt ġie kkompletat f'Mejju 2022

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EUAA mhija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

Stampa ISBN 978-92-9403-008-5 doi: 10.2847/828500 BZ-04-22-313-MT-C

PDF ISBN 978-92-9403-039-9 doi: 10.2847/203080 BZ-04-22-313-MT-N

© Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2022

Ritratt/illustrazzjoni tal-qoxra: © iStock.com

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li ssir referenza għas-sors. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-dritt tal-awtur tal-EUAA, irid jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.



Werrej

1.	Objettivi u kamp ta' applikazzjoni	4
2.	Definizzjonijiet	4
3.	Standards professjonali.....	5
4.	Integrità u oġġettività	5
5.	Kunfidenzjalità	5
6.	Kondotta Ġenerali	6
7.	Rispett għad-diversità u l-ugwaljanza	6
8.	Prevenzjoni tal-fastidju	6
9.	Rappurtar u Sanzjonijiet	7
10.	Disseminazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta	7
11.	Monitoraġġ u rieżami	8



1. Obiettivi u kamp ta' applikazzjoni

- 1.1. Il-kondotta tal-persuni kollha li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (minn hawn 'il quddiem "EUAA") hija ċentrali għas-suċċess u għar-reputazzjoni tat-taħriġ tal-EUAA.
- 1.2. Dan il-Kodiċi ta' Kondotta għall-persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA (minn hawn 'il quddiem il-"Kodiċi ta' Kondotta") jistabbilixxi l-istandards ta' kondotta mistennija mill-parteċipanti fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA. Hija r-responsabbiltà ta' kull parteċipant li jiffamiljarizza lilu nnifsu mal-kontenut ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta u li jikkonforma miegħu l-ħin kollu meta jipparticipa fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA.
- 1.3. Kull parteċipant għandu jiffirma dikjarazzjoni ta' konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta.

2. Definizzjonijiet

- 2.1. "Attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA" tfisser l-attivitajiet kollha marbuta mal-ippjanar, it-tfassil, l-iżvilupp, it-tweqqif, il-monitoraġġ, u l-evalwazzjoni tat-taħriġ tal-EUAA, inklużi l-attivitajiet ta' valutazzjoni u ċertifikazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet amministrattivi anċillari kollha.
- 2.2. "Persuna li tikkontribwixxi għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA" tfisser kwalunkwe persuna li hija awtorizzata jew mogħtija struzzjonijiet mill-EUAA jew minn amministrazzjoni nazzjonali biex twettaq kompiti b'rabta mal-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA, ħlief għall-istudenti li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA.
- 2.3. "Parteċipanti" fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA tfisser persuni li jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA (skont it-tifsira tat-taqsimha 2.2), l-istudenti, u l-persunal kollu ta' appoġġ amministrattiv.
- 2.4. "Ċentru" tfisser iċ-Ċentru tat-Taħriġ u tal-Iżvilupp Professionali tal-EUAA.
- 2.5. "Ambjent ta' taħriġ" tfisser l-isparzu fiżiku jew virtwali li fih iseħħu l-attivitajiet ta' taħriġ.
- 2.6. "Kunflitt ta' interess" tfisser sitwazzjoni fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' individwu jkun kompromess minn interessi ekonomiċi jew finanzjarji, rabtiet familjari jew emozzjonali, jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż ma' parti oħra.
- 2.7. "Informazzjoni kunfidenzjali (¹)" hija informazzjoni li hija indikata bħala tali u li individwu jista' jikseb aċċess għaliha matul il-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA, u li d-divulgazzjoni tagħha lil partijiet terzi hija, fil-prinċipju, ipprojbita. Eżempji jinkludu *data* personali, gradi individwali tal-istudenti u banek tal-valutazzjonijiet.
- 2.8. "Diskriminazzjoni" tfisser kull trattament inġust jew azzjoni arbitrarja jew distinzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew/u kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza, il-proprietà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

(¹) Biex jiġi evitat kwalunkwe dubju: għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, "informazzjoni kunfidenzjali" ma tirreferix għal "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL" skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, EURATOM) tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE.



- 2.9. "Fastidju" tfisser kwalunkwe mgħiba mhux xierqa jew mhux mixtieqa li tista' raġonevolment tkun mistennija li tiġi perċepita li tikkawża reat jew umiljazzjoni lil persuna oħra. Il-fastidju jista' jieħu l-forma ta' kliem, ġesti jew azzjonijiet li jdejqu, jallarmaw, jabbużaw, jimminaw, jintimidaw, jumiljaw, jew jimbarazzaw lil ħaddieħor jew li joħolqu ambjent tax-xogħol intimidanti, ostili jew offensiv.
- 2.10. "Fastidju sesswali" tfisser kondotta verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali. Eżempji jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, avvanzi sesswali, talbiet għal favuri sesswali, mess, ċajt, kummenti, u vjolenza sesswali.

3. Standards professionali

- 3.1. Il-persuni li jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA jridu jwettqu l-kompiti assenjati lilhom bl-aħjar mod possibbli, jikkonformaw mat-termini ta' referenza rilevanti u jkunu responsabbli għaż-żamma tal-kwalità tax-xogħol tagħhom, b'mod partikolari billi jiddedikaw biżżejjed ħin għall-kompiti assenjati lilhom.
- 3.2. Il-persuni li jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA jridu jstinkaw biex jaħdmu b'mod kolleġġjali u kooperattiv mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha kif ukoll ikunu miftuħa għal feedback kostruttiv u jirrispondu għalih b'mod pożittiv. Huma mħeġġa jfittxu appoġġ u gwida fejn meħtieġ.

4. Integrità u oġġettività

- 4.1. Il-persuni li jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA jridu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod oġġettiv u imparzjali.
- 4.2. Huma jridu joqogħdu lura milli jieħdu vantaġġ mir-rwol tagħhom għal kwalunkwe gwadann personali illeċitu u b'mod li jkun ta' detriment għar-reputazzjoni tat-taħriġ tal-EUAA.
- 4.3. Huma ma għandhomx jaċċettaw rigali li jistgħu jpoġġuhom, jew jiġu perċepiti bħala li jqiegħduhom, taħt obbligu li jista' jinfluwenzahom fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.
- 4.4. Jekk isibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess, jenħtieġ li immedjatament joqogħdu lura milli jwettqu l-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA li fir-rigward tagħhom ikun inqala' l-kunflitt ta' interess, u mingħajr dewmien iressqu l-kwistjoni għall-attenzjoni tas-superviżur immedjat tagħhom u taċ-Ċentru, li jipprovdihom gwida xierqa.

5. Kunfidenzjalità

- 5.1. Il-persuni li jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni kunfidenzjali lil partijiet terzi mhux awtorizzati. Dan l-obbligu jibqa'





wara li jkunu waqfu jwettqu l-kompiti tagħhom u sa dak iż-żmien li l-Aġenzija tkun awtorizzata l-iżvelar pubbliku ta' dik l-informazzjoni jew sakemm ikunu legalment meħtieġa li jiżvelawha.

6. Kondotta Ġenerali

- 6.1. Il-persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA jridu, f'kull ħin, iżommu limiti professjonali, ikunu ġusti, kordjali, u juru rispett lejn l-oħrajn.
- 6.2. Iridu jaġixxu b'mod kulturalment sensittiv, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn jinteraġixxu ma' individwi minn sfondi kulturali differenti.
- 6.3. Iridu joqogħdu lura milli jkunu taħt l-influenza jew l-effetti ta' wara tad-drogi, l-alkoħol jew sustanzi illeċiti oħra waqt li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-Aġenzija.
- 6.4. Iridu jikkonformaw mal-politiki u l-proċeduri rilevanti applikabbli għall-kompiti jew il-funzjoni tagħhom, kif ukoll il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà.

7. Rispett għad-diversità u l-ugwaljanza

- 7.1. Il-persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA għandhom ir-responsabbiltà li jikkontribwixxu għal ambjent li jipromwovi d-diversità, l-ugwaljanza u l-inklużività. Ma għandhom jiddiskriminaw kontra ebda individwu matul id-durata tal-parteeċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA.

8. Prevenzjoni tal-fastidju

- 8.1. Il-persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA jridu joqogħdu lura minn kwalunkwe att ta' fastidju jew fastidju sesswali kontra kwalunkwe individwu.
- 8.2. Meta jseħħ fastidju jew fastidju sesswali u joħloq theddida imminenti jew riskju għas-sigurtà jew il-benessri ta' oħrajn, min iħarreġ jew persuna responsabbli oħra għandhom id-dritt li jieħdu azzjonijiet immedjati u proporzjonati biex jindirizzaw is-sitwazzjoni, inkluż billi jitolbu lit-tragressur jitlaq mill-ambjent tat-taħriġ.





9. Rappurtar u Sanzjonijiet

- 9.1. Kwalunkwe persuna li tipparteċipa fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA li jkollha raġuni biex temmen li seħħ jew li x'aktarx iseħħ ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta jenħtieġ li tirrapporta l-kwistjoni lill-Aġenzija mingħajr dewmien.
- 9.2. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi proċedura ddedikata għall-ġestjoni tar-rapporti dwar ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta, li hija stabbilita fil-linji gwida dwar il-proċedura ta' lmenti relatati ma' taħriġ. Ilment, li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tal-ksur suspettat, għandu jiġi sottomess fl-indirizz tal-email deżinjat billi jintuża l-mudell tal-formola tal-ilmenti pprovdut mal-linji gwida.
- 9.3. L-Aġenzija għandha tinvestiga ċ-ċirkostanzi tal-inċident irrappurtat fl-ilment u tiegħu kwalunkwe miżura xierqa u proporzjonata biex tindirizza l-kwistjoni u/jew tipprevjeni li dan jerġa' jseħħ.
- 9.4. F'każijiet serji u sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar l-ilment, fejn ikun hemm raġuni ġustifikata biex jiġi emmnut li s-sigurtà jew il-benessri tal-persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA huma pperikolati, l-Aġenzija tista' tiegħu miżuri *interim* fir-rigward tal-individwi kkonċernati fejn meħtieġ, inkluż b'tali mod li daww l-individwi jiġu esklużi temporanjament mill-parteeipazzjoni fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-Aġenzija.
- 9.5. L-ebda individwu ma għandu jkun soġġett għal azzjoni ta' ritaljazzjoni minħabba li jkun ressaq ilment skont dan l-Artikolu.
- 9.6. L-EUAA tirriżerva d-dritt li tirreferi każijiet ta' ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta minn individwu li mhux f'relazżjoni ta' impjeg jew kuntrattwali mal-Aġenzija lill-organizzazzjoni li timpjega jew tikkuntratta l-individwu, kif meħtieġ. Irrispettivament mid-deċiżjoni meħuda mill-organizzazzjoni li timpjega jew tikkuntratta b'konsegwenza ta' dan, l-EUAA għandha tiegħu d-deċiżjoni dwar it-tkomplija tal-parteeipazzjoni tal-individwu kkonċernat fl-attivitajiet ta' taħriġ tiegħu.

10. Disseminazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta

- 10.1. L-EUAA għandha tagħmel kull sforz biex tiżgura li dan il-Kodiċi ta' Kondotta jingiebb għall-attenzjoni tal-persuni li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-Aġenzija. Hekk kif jingħata bidu għall-attivitajiet ta' taħriġ, għandha tiġi offruta laqgħa ta' informazzjoni lill-parteeipanti.
- 10.2. L-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-ażil u l-akkoljenza għandhom jagħmlu kull sforz biex iġibu dan il-Kodiċi ta' Kondotta għall-attenzjoni tal-persuni li jwettqu kompiti fl-ambjent tat-taħriġ.
- 10.3. Dan il-Kodiċi ta' Kondotta huwa disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EUAA.





11. Monitoraġġ u rieżami

- 11.1. L-EUAA se timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta fuq bażi regolari u tirrieżaminah u taġġornah, kif meħtieġ.





Publications Office
of the European Union

